MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 1/2024 LM

**John Mallia (K.I. nru. 80957M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **John Mallia (K.I. nru. 80957M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fl-24 ta' Novembru, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell ippreżentat mir-rikorrent fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali**

**tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] mid-deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-24 ta' Mejju, 2022, kif ġej:

> "*Għaldaqstant l-Arbitru jiddisponi minn dan l-Appell billi:*
>
> *1. Jiċħad l-appell kif dedott;*
>
> *2. JIkkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) tal-25 ta' April, 2023.* [sic!]*"*

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta fl-24 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrent ġie infurmat li lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali rriżultalu li huwa kien tħallas żejjed l-ammont ta' €5,931.60 f'Għajnuna għall-Mard għall-perijodu mid-9 ta' Mejju, 2020 sat-3 ta' Ġunju, 2022, għaliex lid-Dipartiment irriżultalu li 'Marion u Rhea' ma jgħixux miegħu. Ir-rikorrent ġie infurmat li dan il-ħlas żejjed li sar lilu, kien ser jitnaqqas bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) mill-Għajnuna għall-Mard jew minn xi benefiċċji oħra li huwa jista' jirċievi mid-Dipartiment. Fl-istess ittra, ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li seta' jappella minn din id-deċiżjoni.

3. Fir-rikors tal-appell ippreżentat minnu fit-28 ta' Ġunju, 2022 quddiem l-Arbitru, ir-rikorrent spjega li mhuwiex minnu li hu u martu kienu sseparaw, u għalhekk id-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-konfront tagħhom hija waħda inġusta. Dan fl-isfond ta' informazzjoni li twasslet lid-Dipartiment li Rhea, tifla *fostered* mir-rikorrent u martu Marion, kienet qiegħda tgħix ma' Marion Mallia fuq bażi permanenti.

4. Id-Dipartiment spjega li saret reviżjoni ta' dan il-każ għaliex ir-rikorrent kien jirċievi l-Għajnuna għall-Mard għalih, għal martu Marion Mallia, u għal Rhea Lynthia Cassar li hija *fostered child.* Spjega li waqt ir-reviżjoni, irriżulta li mis-27 t'April, 2020, ir-rikorrent ma kienx għadu jifforma parti mill-istess *household composition,* u Rhea Lynthia Cassar kienet qiegħda tgħix ma' martu biss. Kien għalhekk li d-Dipartiment kellu jirrevedi l-ħlas tal-Għajnuna għal Mard minn rata fil-ġimgħa għal tliet membri tal-familja, għal wieħed biss, mill-pagament ta' wara d-data tad-9 ta' Mejju, 2020. Id-Dipartiment spjega li kien għalhekk li r-rikorrent intalab jirrifondi s-somma ta' €5,931.60, li tkopri l-perijodu bejn id-9 ta' Mejju, 2020 u t-3 ta' Ġunju, 2022, għaliex mart ir-rikorrent u t-tifla Rhea Lynthia Cassar ma kienux għadhom jgħixu miegħu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fl-24 ta' Novembru, 2023, dan iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru*

*Ra:*

*Illi l-appellant kien jirċievi Għajnuna għall-Mard iżda dan kien twaqqaf lilu wara li rriżulta illi l-kompożizzjoni tal-familja tiegħu inbidlet għal persuna waħda. Għalhekk permezz ta' ittra datata 25 ta' Mejju, 2022 huwa ġie infurmat illi kellu jħallas lura s-somma ta' €5,920.44 rappreżentanti ħlasijiet ta' Għajnuna għall-Mard li kienu saru bejn 18 ta' Diċembru, 2021 u 4 ta' Ġunju, 2022.*

*Illi l-Appellant intavola Appell fejn saħaq illi huwa u martu qatt ma kienu sseparaw.*

*Illi permezz ta' Risposta datata 1 ta' Novembru, 2022, id-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) issottometta illi l-appell jikkonċerna l-perijodu bejn id-9 ta' Mejju, 2020 u 3 ta'*

*Ġunju, 2022 u kien jeħtieġ reviżjoni għaliex l-Appellant kien qiegħed jirċievi Għajnuna għalih, għal martu u għal binthom Rhea. Irriżulta però waqt reviżjoni illi mis-27 ta' April, 2020 l-Appellant ma kienx għadu jifforma parti mill-*household composition *għaliex Rhea kienet marret tgħix biss ma' ommha. Għalhekk id-Dipartiment kellu jirrevedi r-rata tal-Għajnuna għall-Mard u wkoll kien inħoloq* overpayment.

***Fatti tal-Każ***

*Illi l-appellant kien jirċievi Għajnuna għall-Mard u r-rata kienet ibbażata fuq il-fatt illi huwa kien qiegħed jgħix ma' martu u bintu, Rhea.*

*Illi madanakollu, id-Direttur Ġenerali ġie a konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet kienu qed jisseparaw u għalhekk kien jeħtieġ reviżjoni.*

*Illi huwa stat ta' fatt illi lejn l-aħħar tal-2017, il-partijiet kienu jgħixu f'residenzi separati, kif ikkonfermat mill-partijiet stess. Madanakollu ma hemmx qbil dwar ir-raġuni għal tali residenza separata għaliex filwaqt li l-Appellant u martu jisħqu illi kienu jgħixu ġewwa djar separati peress li omm martu ma kinitx tiflaħ għat-taraġ u huwa ma xtaqx iħalli d-dar vojta minħabba serqa. Id-Dipartiment ipproduċa diversi emails interni fi ħdan il-FSWS li juru illi l-partijiet ma kinux qegħdin jgħixu flimkien bħala koppja miżżewġa.*

*Ili għalhekk il-pern tal-vertenza hija għaliex il-koppja Mallia kienet qed tgħix separatament.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi l-Appellant u martu kif ukoll omm Marion Mallia, ilkoll xehdu illi huma qatt ma kienu qed jisseparaw u kellhom jikru post alternattiv minħabba t-taraġ fir-residenza tal-Mosta u dan peress illi omm Marion Mallia ma kinitx tiflaħ għat-taraġ.*

*Iilli meta mistoqsijin dwar il-possibilità ta'* stairlift, *huma qalu li dan ma kienx possibbli. Dan nonostante l-avvanzi moderni.*

*Illi membri familjari oħra wkoll ikkonfermaw illi huma qatt ma sseparaw.*

*Illi ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija li jikkonferma serqa fir-residenza tal-Mosta tal-appellant fl-2017. Madanakollu ma ġie ppreżentat l-ebda dokument li juri r-residenza alternattiva ta' mart l-appellant u ommha.*

*Illi madanakollu, il-korrispondenza* ***<u>interna</u>*** *bejn l-uffiċjali tal-FSWS hija ċarissima. Il-kontenut tal-korrispondenza seħħ ferm qabel id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) u ġie skambjat* ad insaputa *tiegħu u f'kuntest totalment separat u ċioe fil-kuntest ta'* Fostering.

*Illi naturalment, is-*social workers *u uffiċjali/impjegati ta' FSWS huma l-aktar persuni kredibbli u ta' min joqgħod fuqhom sabiex wieħed jifhem eżattament x'kien qed iseħħ fil-familja Mallia. Jirriżulta bl-aktar mod ċar illi r-relazzjoni tal-koppja Mallia kienet qed tiġi diskussa minħabba* placement *ta' tfal minuri joħroġ bl-aktar mod ċar illi huma ma kinux qegħdin jgħixu ħajja ta' miżżewġin. Fil-fatt, fil-korrispondenza elettronika datata 23 ta' April, 2021 bejn Bianca Vella u Liliana Xuereb, joħroġ bl-aktar mod ċar illi:*

"**Emerson Demicoli is solely entrusted to Marion. Rhea is living with Marion on a full-time basis, but still has regular contact with John, hence why he is still being recognised as a foster carer."**

*Illi huwa minn lewn id-dinja illi koppja miżżewġa, għalkemm għal raġunijiet loġistiki jew ta' xogħol jew raġunijiet oħra, jgħixu fiżikament separati, xorta waħda jirrikorru għal* fostering *flimkien. Il-fatt illi Emerson Demicoli ġie assenjat u fdat biss lill-Mara ma jikkombaċix mal-argument illi huma kienu għadhom* 'jgħixu ta' koppja miżżewġa'.

*Illi inoltre, Bianca Vella iżżid tgħid illi:*

*"*Unfortunately, I do not have a specific date of separation as the court was not involved."

*Illi l-Arbitru ma jistax jiddubita informazzjoni naxxenti mill-persuna li kienet qed issegwi l-futur ta' żewġt itfal minuri.*

*Illi inoltre, Charles Muscat, xhud ieħor indipendenti, xehed illi meta kien involut f'Board relatat mal-kundizzjoni medika, l-Appellant u martu tniżżlu bħala* 'separati'.

*Illi interessanti wkoll il-fatt illi l-ebda prova dwar residenza alternattiva ta' Marion Mallia u bintha ma ġiet ipprovduta mill-Appellant.*

*Illi abbażi tal-assjem tal-provi kollha u x-xhieda kollha fil-każ, l-Arbitru jemmen illi l-verżjoni tal-Appellant m'għandhiex mis-sewwa. Hekk ukoll id-dikjarazzjonijiet interni varji dwar separazzjoni ta' koppja li kienet involuta fil-*fostering *ta' minuri, hija aktar kredibbli."*

## <u>L-Appell</u>

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-10 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni

tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tal-25 ta' Mejju, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

7. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Arbitru straħ fuq evidenza *detto del detto,* u fuq preżunzjonijiet inattendibbli. Qal li hu u l-mara tiegħu qatt ma bdew proċeduri ta' separazzjoni, u l-Arbitru skarta totalment ix-xhieda mogħtija minnu, mill-mara tiegħu u minn familjari tagħhom, u ddeċieda li joqgħod fuq skambji ta' *emails* interni tal-FSWS dwar kuntest li m'għandux x'jaqsam mar-relazzjoni bejn l-appellant u martu. Qal li hu u martu Marion Mallia, kienu jgħixu mal-ġenituri tal-mara tiegħu, Mary Zammit u Anthony Zammit, fil-fond numru 233, Valley Lodge, Constitution Street, il-Mosta. Żied jgħid li fis-sena 2017, il-ġenituri tal-mara tiegħu krew l-appartament numru 4, Bellagio, Promenade Street, Buġibba, għaliex il-kunjata tiegħu ma setgħetx titla' turġien wara li kienet weġġgħet daharha, u għalhekk ma kienx għadu possibbli għaliha li tgħix fil-post tal-Mosta. Qal ukoll li fis-6 ta' Diċembru, 2017 kienet saret serqa fil-post tal-Mosta tal-kunjati tiegħu, u għalhekk omm il-mara tiegħu kienet stmerret il-post tal-Mosta, u ppreferiet li tibqa' toqgħod Buġibba. L-appellant qal li kien sar rapport dwar din is-serqa lill-Pulizija. Qal li huwa mar jgħix fil-post tal-Mosta sabiex ikun jista' jżomm għajnejh fuqu, filwaqt li martu u t-tifla Rhea marru jgħixu Buġibba mal-kunjata tiegħu. Qal li kieku huwa minnu li hu u martu sseparaw, il-kunjata tiegħu żgur li ma kienitx ser tippermetti li huwa jibqa' jgħix fid-dar tal-Mosta. Qal li minkejja li hu u martu kienu jgħixu f'postijiet differenti, dan ma jfissirx li huma separati. Qal ukoll li l-argument li l-kunjata tiegħu messha installat *stair lift* fid-dar tal-Mosta m'għandu x'jaqsam xejn mal-qofol ta' dawn il-proċeduri. L-appellant qal li l-Arbitru lanqas ma kellu

għalfejn jidħol fl-*emails* skambjati bejn l-uffiċjali tal-FSWS sabiex jiddetermina jekk l-appellant u martu kienux verament separati, iżda imbagħad skarta l-parti tal-korrispondenza fejn Bianca Vella tgħid li hija m'għandhiex data speċifika meta l-koppja Mallia sseparaw, għaliex bejniethom ma kienx hemm proċeduri bil-Qorti. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li hu u martu ma kienux separati legalment, iżda li għal xi raġuni l-Arbitru għażel li jistrieħ fuq il-kwistjoni kunfidenzjali tal-*fostering* ta' Emerson Demicoli sabiex jiddeċiedi jekk il-partijiet kienux separati jew le. Qal illi li kieku xehed ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Familja, u kkonferma li hu u martu kienu bdew proċeduri ta' medjazzjoni bejniethom, kien ikollu raġun id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, iżda din il-prova ma nġabitx.

8. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija nieqsa mill-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità. Qal li l-Arbitru jsejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-kura u l-kustodja ta' Emerson Demicoli ġiet fdata biss lill-mara tiegħu. Qal li l-Arbitru naqas milli jara x'kienet ir-raġuni għal dan, u spjega li din kienet deċiżjoni li ħadu hu u martu b'mod konġunt wara li lilu żviluppawlu problemi fil-pulmun, u għalhekk ma felaħx iżjed għall-kura u l-kustodja ta' żewġt itfal. Kompla jgħid li l-Arbitru, minflok ra l-pożittiv f'din il-koppja, jiġifieri l-fatt li hu u martu bejniethom iffosterjaw xejn anqas minn disgħa u għoxrin (29) tifel u tifla tul is-snin, straħ fuq skambju ta' *emails* bejn uffiċjali tal-FSWS, u wasal għall-konklużjoni li l-partijiet kienu separati. L-appellant qal li hu u martu qatt ma pproċedew bl-adozzjonijiet ta' dawn it-tfal, u għalhekk għandu jirriżulta li huma qatt ma abbużaw minn flus relatati mal-

adozzjonijiet, u minflok għażlu li jieħdu ħsieb numru ta' tfal minuri minkejja li jafu li wara ftit snin kien ser ikollhom jinfatmu minnhom.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Qal li l-appell tal-appellant huwa bbażat fuq interpretazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kap. 318, fejn l-appellant jikkontendi li l-Arbitru applika l-liġi b'mod skorrett abbażi tal-fatt li d-Dipartiment qiegħed jikkunsidra li hu u martu huma separati. L-appellat spjega illi l-appellant kien jirċievi l-Għajnuna għal Mard, u r-rata tal-benefiċċju kienet ibbażata fuq il-fatt li l-mara tiegħu Marion Mallia, u l-*fostered child,* Rhea Cassar, kienu qegħdin jgħixu flimkien miegħu. L-appellat qal li huwa ġie infurmat kemm minn rappreżentanti tal-FSWS, u anki minn Marion Mallia nnifisha, li l-appellant u martu kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Qal li l-Arbitru kien korrett meta qies li huwa ma setax jiddubita minn informazzjoni li kienet ġejja minn persuna li kienet qiegħda ssegwi l-futur ta' żewġt itfal minuri li kienu *fostered*, jew min xhud indipendenti li stqarr li l-appellant u martu tniżżlu bħala 'separati' meta kien involut f'Bord relatat ma' kundizzjoni medika. L-appellat qal li l-Arbitru kellu kull dritt jemmen verżjoni u mhux oħra, u dan għalhekk kellu d-diskrezzjoni li jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq il-verżjoni li emmen.

10. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, id-Direttur Ġenerali appellat qal li lanqas m'huwa minnu li l-Arbitru sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-kura u l-kustodja ta' Emerson Demicoli ġiet fdata lill-mara tal-appellant. Id-Direttur Ġenerali appellat qal ukoll li r-raġuni għalfejn l-appellant waqaf

jiffosterja mhijiex dovuta għall-fatt li huwa żviluppa problemi fil-pulmun, imma minħabba deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Frar, 2023, li kkonfermat ordni ta' trażżin, u l-appellant ma jistax ikun fil-preżenza ta' minuri mingħajr il-preżenza ta' adult ieħor.

11. Id-Direttur Ġenerali appellat qal ukoll li Bianca Vella kienet qiegħda tixhed fil-vesti tagħha bħala professjonista, u dan għall-kuntrarju tax-xhud mressaq mill-appellant, John Role, li qal li ma baqax isegwi lill-koppja Mallia għaliex kien irtira mix-xogħol, iżda ikkonferma li huwa jafhom fuq livell personali. L-appellat qal li l-appell quddiem l-Arbitru ma kienx appell fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru straħ fuq evidenza* detto del detto *u fuq preżunzjonijiet inattendibbli]*

13. L-appellant jgħid li l-Arbitru pprefera li jistrieħ fuq evidenza li tammonta għal *detto del detto,* u fuq preżunzjonijiet inattendibbli li għamlu numru ta' xhieda, milli fuq dak li kellhom xi jgħidu l-appellant, martu u persuni viċin

tagħhom. Qal li x-xhud tal-FSWS ukoll qalet li hija ma kienitx taf id-data preċiża meta l-appellant u martu sseparaw, għaliex ma jirriżultax li dawn bdew proċeduri fil-Qorti, u din ix-xhieda għalhekk tiċċara li bejnu u martu ma nbdew l-ebda proċeduri ta' separazzjoni.

14. Il-Qorti tirrileva li dan huwa każ fejn, b'differenza minn bosta każijiet oħra fejn il-partijiet jidhru quddiem l-Arbitru, tressqu jixhdu numru ta' persuni, fosthom *social workers* u nies professjonali, li lkoll xehdu li lilhom jirriżultalhom jew li lilhom ingħatatilhom l-informazzjoni, li l-appellant u martu mhumiex jgħixu flimkien minħabba li qegħdin jisseparaw. Jirriżulta wkoll, mid-dokument-azzjoni ppreżentata mid-Direttur Ġenerali appellat, li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf il-*Foster Care Allowance* (FCA) għaliex l-appellant u martu kienu sseparaw, u l-*fostered child* Rhea kienet qiegħda tgħix ma' mart l-appellant biss. Xhud ieħor li kien rappreżentant fuq Bord mediku, ikkonferma li l-appellant u martu indikaw li kienu qegħdin jisseparaw meta ntalbu jispjegaw l-i*status* tagħhom. Il-Qorti tirrileva li dan huwa każ fejn tirriżulta xhieda konfliġġenti, fejn l-appellant u x-xhieda li tressqu minnu qegħdin jgħidu li hu u martu għadhom miżżewġin, anki jekk kien hemm ammissjoni li dawn ma jgħixux flimkien għar-raġunijiet tagħhom, filwaqt li xhieda professjonisti li ttellgħu jixhdu, qalu li għandhom indikazzjonijiet li l-appellant u martu qegħdin jisseparaw. Hawnhekk il-Qorti ttendi li taqbel mal-evalwazzjoni li għamel l-Arbitru, li kienet ferm aktar kredibbli x-xhieda mogħtija minn nies professjonisti li ħadmu mill-qrib mal-appellant minħabba li kienu qegħdin isegwu l-minuri li l-kura tagħhom ġiet fdata f'idejn l-appellant u martu,

li taw id-depożizzjoni tagħhom bl-aktar mod oġġettiv u li bbażaw ruħhom fuq informazzjoni li ngħatatilhom.

15. Il-Qorti tqis ukoll li l-ħlas żejjed li ntalab jirrifondi l-appellant, intalab għaliex irriżulta li huwa m'għadux jifforma parti mill-istess unità familjari flimkien ma' martu Marion Mallia u l-*fostered child* tagħhom. Din mhijiex evalwazzjoni dwar jekk l-appellant jew xi ħadd mill-familja tiegħu huwiex intitolat għall-għajnuna, iżda quddiem provi skjaċċanti li l-appellant ma jgħix fl-istess dar ma' martu, kellha ssir evalwazzjoni dwar il-ħlas li jsir lill-appellant kull tant żmien, u għal min isir dan il-ħlas, jekk huwiex għalih waħdu, jew inkella jsirx ukoll għal martu u bintu, li ġie ppruvat li ma jgħixux miegħu. In vista tad-dettalji li joħorġu mix-xhieda mogħtija quddiem l-Arbitru, u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru, hija ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tal-Arbitru hija nieqsa mir-raġonevolezza u mill-proporzjonalità]*

16. L-appellant jgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex raġonevoli u proporzjonali, u jispjega li l-Arbitru naqas milli jikkunsidra li tul is-snin hu u martu ħadu ħsieb u pprovdew kura lil xejn anqas minn disgħa u għoxrin tifel u tifla bħala *foster carers*. Hawnhekk l-appellant għamel osservazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti hija stramba għall-aħħar. Qal li hu u martu qatt ma adottaw lil dawn it-tfal, għaliex qatt ma riedu li b'xi mod jabbużaw mill-għajnuna finanzjarja li tingħata għall-adozzjoni. Qal li t-tifel li kien fdat fil-kura tagħhom

it-tnejn, ma baqax fdat fil-kura tiegħu wkoll, għaliex huwa beda jsofri minn problemi mediċi, u għalhekk ma felaħx aktar għall-*fostering* ta' żewġt itfal.

17. Il-Qorti tirrileva illi d-deċiżjoni dwar il-*fostering* ta' Emerson Demicoli bl-ebda mod ma affettwat id-deċiżjoni li ħa l-Arbitru fil-każ odjern, u għalhekk mhijiex ser tidħol fiha. Tirrileva wkoll fir-rigward tas-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat, li l-appellant ma jistax ikun fil-preżenza ta' minuri mingħajr il-preżenza ta' adult ieħor, li fil-proċeduri quddiem l-Arbitru ma tressqu l-ebda provi dwar dak allegat mill-appellat, u għalhekk il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ta' din l-informazzjoni li ngħatat għall-ewwel darba fir-risposta tal- appellat.

18. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Arbitru la hija nieqsa mir-raġonevolezza u lanqas mill-proporzjonalità. Fl-ewwel lok din hija deċiżjoni marbuta mal-fatt li l-*household composition* tal-appellant m'għadhiex komposta minn tlieta minn nies, iżda minn persuna waħda, u għalhekk l-aġġustament fil-ħlas li qiegħed jipproponi d-Direttur Ġenerali appellat huwa maħsub biex jirrifletti dan l-istat ta' fatt. Il-Qorti tqis li m'hemm xejn fid-deċiżjoni appellata li huwa żbaljat jew irraġonevoli, meta wieħed iqis ukoll li l-flus li tħallas żejjed l-appellant għal martu u għat-tifla Rhea, xorta waħda ser jitħallsu lilhom f'kont bankarju separat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll dan l-aggravju sollevat mill-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**